

Brussell, 14 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11940/26

DENLEG 79
FOOD 105
SAN 596

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	D115839/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1616 fir-rigward tal-ġestjoni tar-reġistru tal-Unjoni, id-dokumentazzjoni tal-konformità, il-metodi ta' ttestjar, u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati mar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D115839/02.

Mehmuż: D115839/02



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2025/1217
[POOL/E2/2025/1217/1217-EN.docx]
D115839/02
[...](2026) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1616 fir-rigward tal-ġestjoni tar-reġistru tal-Unjoni, id-dokumentazzjoni tal-konformità, il-metodi ta' ttestjar, u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati mar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1616 fir-rigward tal-ġestjoni tar-reġistru tal-Unjoni, id-dokumentazzjoni tal-konformità, il-metodi ta' ttestjar, u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati mar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, il-punti (h), (i) u (k) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1616² jistabbilixxi regoli dwar l-iżvilupp u l-adegwatezza ta' teknoloġiji tar-riċiklaġġ u l-awtorizzazzjoni tal-proċessi ta' riċiklaġġ, kif ukoll dwar il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' materjali tal-plastik u ta' oġġetti li fihom il-plastik li joriġina mill-iskart.
- (2) L-esperjenza miksuba mid-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament turi li r-regoli fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' installazzjonijiet tar-riċiklaġġ jeħtieġ li jiġu stabbiliti f'aktar dettall u l-użu ta' dokumentazzjoni tal-konformità fil-katina tal-provvista jeħtieġ li jiġi ċċarat.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2022/1616 jirrikjedi li r-riċiklaturi u l-konvertituri joħorġu dikjarazzjoni ta' konformità. Id-Dikjarazzjoni deskritta fil-Parti A tal-Anness III (id-Dikjarazzjoni A) għandha tiġi pprovduta mir-riċiklaturi, filwaqt li d-Dikjarazzjoni deskritta fil-Parti B tal-Anness III (id-Dikjarazzjoni B) għandha tiġi pprovduta mill-konvertituri. Madankollu, sabiex l-operaturi kollha tan-negozju fil-katina tal-provvista jkunu jistgħu jivverifikaw u jiżguraw il-konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616, iżommu t-traċċabilità u jiffaċilitaw il-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-operaturi jipprovdu dikjarazzjoni ta' konformità anke fi stadji oħra tal-manifattura fil-katina tal-provvista minbarra lill-konsumaturi. Madankollu, sabiex jiġi evitat piż eċċessiv fuq l-operaturi fl-aħħar tal-katina tal-provvista, jenħtieġ li l-operaturi tan-negozji tal-ikel li jużaw plastik b'kontenut riċiklat biex jippakkjaw l-ikel ma jkunux obbligati jipprovdu dikjarazzjoni ta' konformità fejn jipprovdu l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni neċessarji dwar il-kontenut riċiklat permezz tat-tikkettar.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004, meta joħorġu dikjarazzjoni ta' konformità, l-operaturi għandu jkollhom disponibbli dokumenti ta'

¹ ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4, ELI : <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/1935/oj>.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1616 tal-15 ta' Settembru 2022 dwar materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 282/2008 (ĠU L 243, 20.9.2022, p. 3, ELI : <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1616/oj>).

sostenn li juru l-konformità. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità ma' dan l-obbligu, huwa xieraq li jiġi ċċarat li għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2022/1616 jenħtieġ li t-tali dokumentazzjoni tinkludi dikjarazzjonijiet riċevuti minn stadji preċedenti tal-manifattura u dokumentazzjoni oħra dwar il-konformità tal-plastik riċiklat mar-Regolament (UE) 2022/1616, u li jenħtieġ li tkun diġà disponibbli fil-mument meta l-operaturi joħorġu d-dikjarazzjoni ta' konformità tagħhom u li tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol.

- (5) L-esperjenza turi li l-indikazzjoni tan-numri tal-lottijiet fid-dikjarazzjoni ta' konformità li għandha tiġi pprovduta lill-konvertituri u lill-operaturi li jużaw plastik riċiklat fl-istadju finali tal-produzzjoni tiegħu, hija kumplessa u ma hijiex meħtieġa wara l-punt fil-katina tal-manifattura fejn il-kompożizzjoni tal-plastik ma tiġix immodifikata ulterjorment peress li t-traċċabilità mbagħad tista' tiġi żgurata b'mod adegwat abbażi tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità riċevuti. Għalhekk, jenħtieġ li l-konvertituri u l-operaturi li jużaw plastik riċiklat li jkun għadda minn postproċessar fl-istadju finali tal-produzzjoni tiegħu jitħallew joħorġu dikjarazzjoni simplifikata ("id-Dikjarazzjoni C"), mingħajr ma jassenjaw numri tal-lott ġodda, u adattata għall-istadji finali tal-manifattura. Madankollu, sabiex jiġi żgurat infurzar effiċjenti, jenħtieġ li dikjarazzjoni bħal din telenka l-installazzjonijiet tar-riċiklaġġ użati fil-manifattura tal-partijiet kostitwenti tal-oġġetti magħmula minn kontenut riċiklat.
- (6) Sabiex ir-riċiklaturi li jirċievu input tal-plastik parzjalment preproċessat u input tal-plastik u sabiex l-awtoritajiet kompetenti jaċċertaw jekk l-input tal-plastik huwiex konformi mar-Regolament (UE) 2022/1616 u biex jittraċċawh f'każ li jkun hemm mistoqsijiet dwar il-kwalità jew l-orijini tiegħu, jenħtieġ li tinħareġ Dikjarazzjoni ta' konformità fl-istadju kollha tal-kummerċjalizzazzjoni tal-istadji tal-preproċessar u għall-lottijiet li jirriżultaw tal-input tal-plastik. Din id-dikjarazzjoni jenħtieġ li tissejjaħ 'id-Dikjarazzjoni P'. Il-lottijiet rispettivi jenħtieġ li jkollhom tikketta bin-numru tal-lott biex tiffaċilita l-identifikazzjoni tagħhom.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011³ tippermetti r-riproċessar tal-fdalijiet u tal-laqx. Ir-Regolament (UE) 2022/1616 ma jippermettix dan espliċitament. Madankollu, billi dan ir-riproċessar jista' wkoll isir bil-fdalijiet u l-laqx tal-plastik riċiklat, ir-regoli f'dan ir-rigward jenħtieġ li jiġu stipulati f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 10/2011.
- (8) L-iskart tal-plastik, l-input tal-plastik preproċessat parzjalment, l-input tal-plastik, il-plastik riċiklat, il-plastik riċiklat postproċessat parzjalment, il-materjali tal-plastik riċiklat u l-oġġetti u l-prodotti magħmulin minnu huma dejjem aktar impurtati fl-Unjoni, u għandhom jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2022/1616 meta jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Sabiex jiġi evitat li materjali u oġġetti tal-plastik b'kontenut riċiklat mhux konformi jiġu rilaxxati f'ċirkolazzjoni ħielsa fis-suq tal-Unjoni, u sabiex tinżamm it-traċċabilità tal-orijini tal-materjali importati, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni jirċievu d-dikjarazzjoni ta' konformità rilevanti kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2022/1616 fil-ħin li jintalab ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fis-suq tal-Unjoni. Għal dan l-għan, huwa xieraq li jiġu introdotti kodiċijiet tal-komoditajiet għal daww il-plastiks. Madankollu, l-introduzzjoni ta' kodiċijiet tal-komoditajiet għall-plastiks riċiklati kollha fl-istadji differenti tal-katina tal-manifattura tagħhom tkun teħtieġ differenzjazzjoni dettaljata għall-polimeri individwali, għall-ikel ippakkjat u għal ċerti

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/10/oj>).

prodotti oħra bħall-apparati domestiċi, kif ukoll differenzjazzjoni għall-istadji tal-kummerċjalizzazzjoni. Dan ikun jeħtiegħ l-introduzzjoni ta' ħafna u ħafna kodiċijiet, li jkunu ta' piż u jżidu r-riskju ta' miżinterpretazzjoni fil-fruntiera. Meta jitqies l-għadd ta' kodiċijiet li jkunu meħtieġa u li preżentament huwa biss il-polietilentereftalat ("PET") li jiġi prodott b'teknoloġija xierqa u huwa soġġett għall-miri ta' kontenut riċiklat skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, jenħtiegħ li kodiċijiet bħal dawn jiġu introdotti biss għal oġġetti tal-kċina u għal oġġetti tal-mejda u għall-PET, inkluż jekk ikun parti minn materjali b'diversi saffi, iżda mhux għall-ikel ippakkjat, għall-apparati domestiċi u għat-tagħmir għall-ipproċessar tal-ikel anke jekk ikunu ppakkjati fil-PET jew immanifatturati minnu.

- (9) Sabiex jiġi ffaċilitat il-kompitu tal-awtoritajiet doganali, u biex jiġu evitati l-identifikazzjoni ħażina u l-frodi, jenħtiegħ li d-dikjarazzjonijiet ta' konformità forniti ma' plastik b'kontenut riċiklat li joriġina minn pajjiżi terzi jsemmu l-kodiċijiet tal-komoditajiet użati għall-importazzjoni ta' materjali tal-plastik riċiklat f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni.
- (10) L-istatus tar-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet ta' dekontaminazzjoni għandu impatt sinifikanti fuq l-użu rispettiv ta' dawk l-installazzjonijiet u huwa salvagwardja importanti biex jiġi evitat it-tqegħid ta' plastik riċiklat mhux sikur fis-suq tal-Unjoni. Madankollu, l-implimentazzjoni sħiħa tal-istatus ta' reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 24(2), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2022/1616 hija mxekkla min-nuqqas ta' proċeduri definiti b'mod ċar u l-lista ta' statuses possibbli ta' installazzjoni fir-Reġistru ma tippermettix li ssir distinzjoni bejn xenarji differenti u jeħtiegħ li titlesta biex tirrifletti s-sitwazzjonijiet possibbli kollha matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' installazzjoni. Barra minn hekk, ir-reġistrazzjoni kurrenti lanqas ma tippermetti lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti jbiddu l-istatus meta jinbidel l-użu ta' installazzjoni, u dan inaqqas ir-ritmu tal-implimentazzjoni tagħha mil-lat amministrattiv u jżid ir-riskji għall-iżbalji. Għalhekk, huwa importanti għall-ġestjoni tar-reġistru tal-Unjoni ta' teknoloġiji ġodda, ta' riċiklaturi, ta' proċessi ta' riċiklaġġ, ta' skemi ta' riċiklaġġ u ta' installazzjonijiet ta' dekontaminazzjoni ("ir-Reġistru") li l-aċċess għas-sistema jiġi ffaċilitat għall-operaturi u għall-awtoritajiet kompetenti billi tinholq sistema ta' reġistrazzjoni elettronika fejn l-operaturi jdaħħlu u jimmodifikaw l-informazzjoni rispettiva tagħhom direttament taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti.
- (11) Bħalissa ma hemmx regoli definiti fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tal-input tal-plastik preproċessat bħal dawk irrapportati fl-appendiċi A għall-opinjoni dwar il-proċessi ta' riċiklaġġ li tippubblika l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Sabiex tiġi żgurata s-sikurezza, jenħtiegħ li jiġu stabbiliti limiti massimi li jikkonċernaw dawn l-ispeċifikazzjonijiet u l-metodi biex tiġi vverifikata l-konformità. Metodu għal dan l-għan diġà huwa previst fl-Anness A tal-ISO 12418-2:2012 li jenħtiegħ li jitqies bħala xieraq għal dan l-għan. Qed jiġu żviluppjati aktar metodi għall-istess għan u jenħtiegħ li jiġu permessi wkoll dment li jkollhom prestazzjoni ugwali jew aħjar.
- (12) Għalhekk, jenħtiegħ li r-Regolament (UE) 2022/1616 jiġi emendat kif xieraq.
- (13) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jadattaw għall-bidliet stabbiliti b'dan ir-Regolament iżda fl-istess ħin jitqies li dawk il-bidliet huma neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u huma ta' natura amministrattiva biss, jenħtiegħ li l-prodotti li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2022/1616, kif applikabbli qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u li għalihom ikunu meħtieġa d-Dikjarazzjonijiet A jew B, jitħallew jitqiegħdu fis-suq għal perjodu ta' 3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament anke jekk ma jikkonformawx mar-regoli dwar dawk id-Dikjarazzjonijiet

stabbiliti f'dan ir-Regolament. Madankollu, peress li l-operaturi jeħtieġu informazzjoni mill-istadji preċedenti biex joħorġu d-Dikjarazzjoni C u qabel ma kinitx meħtieġa dikjarazzjoni fl-istadji tal-preproċessar, jenħtieġ li l-prodotti li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2022/1616, kif applikabbli qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u li dan ir-Regolament jirrikjedi għalihom id-Dikjarazzjoni C jew P, jitħallew jitqiegħdu fis-suq mingħajr daww id-dikjarazzjonijiet għal perjodu ta' 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu mmanifatturati materjali tal-plastik riċiklat u oġġetti minn tali prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodi tranżizzjonali u li jitqiegħdu fis-suq sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

- (14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) 2022/1616

Ir-Regolament (UE) 2022/1616 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 2(3) huwa emendat kif ġej:
- (a) il-punt (13) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(13) ‘installazzjoni ta’ dekontaminazzjoni’ tfisser tagħmir interkonness speċifiku installat f’faċilità ta’ riċiklaġġ li topera proċess ta’ dekontaminazzjoni.”
 - (b) jiżdiedu l-punti (21) u (22) li ġejjin:

“(21) ‘rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa’ tfisser il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

(22) ‘folja’ tfisser oġġetti tal-plastik intermedji estrużi f’forma ċatta ta’ daqs u ta’ ħxuna suffiċjenti biex ikunu ibsin f’temperatura ambjentali u adattati għall-manifattura ta’ tilari termoffurmati.

*Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).”;

- (2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “8. L-istatus tar-reġistrazzjoni indikat fir-reġistru stabbilit mill-Artikolu 24 għall-installazzjoni ta’ dekontaminazzjoni fil-mument tal-manifattura ta’ kull lott ta’ plastik riċiklat li jinsab fil-materjal jew fl-oġġett tal-plastik riċiklat għandu jkun jew ‘irreġistrata ġdida’, ‘qiegħda tiġi stabbilita’ jew ‘attiva’.”;
- (3) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:
- (a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

“Rekwiżiti għat-tikkettar”;

- (b) jitħassru l-paragrafi 1 u 2;

(c) il-punt (e) tal-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) meta d-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5a jipprovdu struzzjonijiet addizzjonali, is-simbolu definit fl-ISO 7000 bin-numru ta' referenza 1641.”

(4) jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

“Artikolu 5a

Rekwiżiti għad-dokumentazzjoni tal-konformità

1. Fi istadji tal-kummerċjalizzazzjoni għajr l-istadju tal-bejgħ bl-imnut, l-operaturi tan-negozji għandhom jipprovdu dikjarazzjoni ta' konformità f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 għall-materjali u għall-oġġetti soġġetti għal dan ir-Regolament.

2. L-operaturi tan-negozji għandhom jistabbilixxu d-dikjarazzjonijiet ta' konformità msemmija fil-paragrafu 1 f'konformità mal-Artikolu 29.

3. L-operaturi tan-negozji għandhom jaċċettaw biss materjali, oġġetti jew ikel bl-imballaġġ tal-plastik soġġett għal dan ir-Regolament, li jkunu akkumpanjati mid-dikjarazzjoni ta' konformità xierqa.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi tan-negozji tal-ikel li jużaw prodotti b'kontenut riċiklat biex jippakkjaw l-ikel ma għandhomx ikunu obbligati jipprovdu dikjarazzjoni ta' konformità lill-bejjieġha bl-imnut u lid-distributuri li jfornu lill-bejjieġha bl-imnut meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) l-informazzjoni rilevanti u l-istruzzjonijiet meħtieġa għall-bejjieġha bl-imnut biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament u għall-konsumaturi biex jiġi żgurat l-użu sikur tal-prodotti li fihom il-plastik riċiklat jiġu pprovduti permezz ta' tikkettar jew permezz ta' dokumentazzjoni xierqa oħra;
- (b) kwalunkwe informazzjoni dwar il-kontenut riċiklat tal-prodotti bi plastik riċiklat ma tvarjax mill-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni li waslet għand l-operatur tan-negozju tal-ikel f'konformità mal-paragrafu 1.

F'dan il-każ, il-paragrafu 3 ma għandux japplika.

Fuq talba minn awtorità kompetenti, jew minn bejjieġ bl-imnut jew minn distributur li huwa jforni, operatur tan-negozju tal-ikel li juża materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat biex jippakkja l-ikel għandu jipprovdi fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mit-talba, fejn it-talba ssir fil-kuntest ta' kontroll minn awtorità kompetenti, jew inkella fi żmien 20 jum tax-xogħol mit-talba, waħda mid-dikjarazzjonijiet ta' konformità li ġejjin:

- (a) id-dikjarazzjoni ta' konformità li jkun irċieva mill-fornitur tiegħu;
- (b) dikjarazzjoni ta' konformità ġdida maħruġa minnu.

5. L-operaturi tan-negozji għandhom jiżguraw li d-dokumenti ta' sostenn li juru li l-prodotti li jqiegħdu fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jinħażnu fis-sistemi ta' dokumentazzjoni tagħhom fil-mument tal-ħruġ tad-dikjarazzjoni ta' konformità. Fil-każ ta' plastik riċiklat, id-dokumentazzjoni għandha tinkludi r-rekords rilevanti kollha miżmuma f'konformità mal-Artikolu 7(4).

Id-dokumenti ta' sostenn għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol.

6. Dikjarazzjoni ta' konformità tista' tiġi pprovduta bħala dokument diġitali ffirmat, dment li tkun tista' ssir disponibbli mingħajr dewmien bħala dokument wieħed li jista' jinqara u jiġi stampat b'software disponibbli b'mod komuni.

7. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti li ġejjin huwa soġġett għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tad-dokumenti elenkati fit-Tabella 6 tal-Anness I, skont il-kodiċijiet tal-komoditajiet speċifikati:

a) prodotti li fihom plastik riċiklat manifatturat b'teknoloġija tar-riċiklaġġ xierqa fejn il-kolonna 11 tat-Tabella 1 tal-Anness I tindika 'iva', kif ukoll input tal-plastik parzjalment preproċessat, input tal-plastik u plastik riċiklat maħsub għall-użu fil-manifattura tagħhom, ħlief ikel ippakkjat, tagħmir għall-ipproċessar tal-ikel u apparati domestiċi;

b) oġġetti tal-mejda u oġġetti tal-kċina li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 3924 10 00 u l-kodiċi NM ex 3924 90 00, jekk ikun fihom plastik riċiklat;

c) folji b'diversi saffi li jkun fihom mill-inqas saff wieħed ta' PET riċiklat użat wara saff ta' lqugħ funzjonali, irrISPettivament mill-kompożizzjoni tas-saff ta' lqugħ, kif ukoll input tal-plastik u l-PET riċiklat maħsub għall-manifattura ta' tali saffi ta' PET riċiklat.”

(5) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Lottijiet ta' materjal ta' input tal-plastik għandhom jiġu aċċettati biss għad-dekontaminazzjoni dment li jkunu akkumpanjati mid-Dikjarazzjoni P maħruġa f'konformità mal-Artikolu 29(1).

Meta r-riċiklatur jikseb direttament skart tal-plastik jew input tal-plastik parzjalment preproċessat u japplika kwalunkwe operazzjoni oħra ta' preproċessar sabiex jipproduċi input tal-plastik, ir-riċiklatur għandu jiżgura li jinżamm rekord dwar dak l-input tal-plastik fis-sistema ta' dokumentazzjoni tiegħu meta jibda r-riċiklaġġ tal-lott tal-input u li jkun fih data u dikjarazzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 29(1) għad-Dikjarazzjoni P.

Id-Dikjarazzjoni P, jew ir-rekord ekwivalenti, għandhom jinżammu mir-riċiklatur għal perjodu ta' mill-inqas 5 snin.

Ir-riċiklatur għandu jagħmel id-Dikjarazzjoni P disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mit-talba tagħhom.”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Kull lott ta' plastik għandu jkun soġġett għal rekord wieħed dwar il-kwalità tiegħu, u għandu jkun identifikat permezz ta' numru uniku u l-isem tal-istadju tal-manifattura li joriġina minnu. Il-lottijiet għandhom jikkorrispondu għad-definizzjonijiet fit-Taqsima 2.4 tal-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c).

Għandu jinżamm repożitorju ta' dawn ir-rekords f'konformità mal-format stabbilit fit-Taqsima 4.1 tal-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c).

Kull rekord għandu jinżamm għal perjodu ta' mill-anqas 5 snin.”;

(6) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-obbligi li ġejjin għandhom japplikaw għall-konvertituri:

(a) il-konvertituri għandhom jagħmlu postproċessar ta’ plastik riċiklat f’konformità mal-istruzzjonijiet fit-taqsim 3 tad-dikjarazzjoni ta’ konformità li jkunu rċewew f’konformità mal-Artikolu 5a; u,

(b) fejn ikunu neċessarji struzzjonijiet biex jiżguraw l-użu sikur jew il-konformità ma’ dan ir-Regolament tal-plastik riċiklat jew tal-materjali jew oġġetti tal-plastik riċiklat, il-konvertituri għandhom jikkomunikaw dawn l-istruzzjonijiet lill-konvertituri sussegwenti u lill-utenti permezz tat-taqsim 3 tad-dikjarazzjoni li jipprovdu f’konformità mal-Artikolu 5a.”

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

“1a. Il-fdalijiet u l-laqx ta’ plastik riċiklat u ta’ materjali u ta’ oġġetti tal-plastik riċiklat manifatturati f’konformità ma’ dan ir-Regolament jistgħu jiżdiedu mal-plastik riċiklat waqt l-operazzjonijiet ta’ postproċessar fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet applikabbli għar-riproċessar stabbiliti fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 10/2011, minbarra l-Artikolu 10(2), il-punt (c)(i) tiegħu;

(b) il-fdalijiet u l-laqx ikunu akkumpanjati jew mid-Dikjarazzjoni B jew mid-Dikjarazzjoni C, maħruġa f’konformità mal-Artikolu 29, u t-tali Dikjarazzjoni tinkludi l-informazzjoni meħtieġa f’konformità mal-punt 10 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 10/2011.

1b. F’kull stadju tal-manifattura soġġett għall-verifika tal-kwalità, inkluż fi stadji intermedji jekk ikun hemm, il-lottijiet ta’ plastik riċiklat ipproċessati mill-konvertitur għandhom ikunu soġġetti għal rekord wieħed dwar il-kwalità tagħhom, u għandhom ikunu identifikati b’numru uniku u l-isem tal-istadju tal-manifattura li joriġinaw minnu.

Il-konvertitur għandu jżomm repożitorju ta’ daww ir-rekords u għandu jżomm kull rekord għal perjodu ta’ mill-inqas 5 snin.”

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-operaturi tan-negozji tal-ikel għandhom jużaw materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat f’konformità mal-istruzzjonijiet inklużi fit-taqsim 3 tad-dikjarazzjoni li jkunu ngħataw f’konformità mal-Artikolu 5a jew mal-istruzzjonijiet riċevuti f’konformità mal-Artikolu 5a(4).

Għandhom jikkomunikaw l-istruzzjonijiet rilevanti kollha lill-konsumaturi tal-ikel ippakkjat f’materjali u f’oġġetti bħal dawn, u lil operaturi oħra tan-negozji tal-ikel.”;

(7) (a) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Entita ġuridika waħda għandha taġixxi bħala l-maniġer tal-iskema ta’ riċiklaġġ u għandha tkun responsabbli għat-tħaddim ġenerali tal-iskema tar-riċiklaġġ.

Mill-anqas 15-il jum ta’ xogħol qabel il-bidu tat-tħaddim ta’ skema ta’ riċiklaġġ, il-maniġer tal-iskema ta’ riċiklaġġ għandu, permezz tas-sistema tar-reġistrazzjoni elettronika, jinforma lill-awtorità kompetenti fit-territorju fejn tkun stabbilita u lill-Kummissjoni għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru stabbilit mill-Artikolu 24.

Fis-sistema tar-reġistrazzjoni elettronika, il-manigier għandu jipprovdi ismu, l-indirizz, il-persuni ta' kuntatt tiegħu, l-isem tal-iskema, sommarju tal-iskema li ma jaqbiżx it-300 kelma, il-marka msemija fil-paragrafu 5, lista tat-territorji fejn jinsabu l-operaturi tan-negozju li jipparteċipaw fl-iskemi, u r-referenzi ta' kull installazzjoni ta' dekontaminazzjoni użata mill-iskema. Wara dan, il-manigier għandu jiżgura li din l-informazzjoni tinżamm aġġornata.”

b) fil-paragrafu 6, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) jintużaw biss għall-finijiet ta' produzzjoni, distribuzzjoni, ħżin, wiri u bejgħ tal-ikel li huma maħsuba għalihom;”;

(8) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Mill-anqas 6 xhur qabel il-bidu tat-tħaddim tal-ewwel installazzjoni ta' dekontaminazzjoni mħaddma abbażi tal-Artikolu 4(3), il-punt (b), l-iżviluppatur għandu jirreġistra t-teknoloġija l-ġdida permezz tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika msemija fl-Artikolu 24a. L-istatus tat-'teknoloġija ġdida' għandu jkun 'stabbilita ġdida'.

Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tat-teknoloġija l-ġdida fir-reġistru stabbilit bl-Artikolu 24, l-iżviluppatur għandu jinkludi fir-reġistrazzjoni elettronika ismu, l-indirizz, il-persuni ta' kuntatt, l-isem tat-teknoloġija l-ġdida, sommarju tat-teknoloġija l-ġdida li ma jaqbiżx it-300 kelma, Lokalizzatur Uniformi tar-Riżorsi ('URL') li jillocalizza r-rapporti msemija fil-paragrafu 4 u l-Artikolu 13(4), u l-ismijiet u l-indirizzi jew in-numri ta' kwalunkwe faċilità ta' riċiklaġġ li fiha jkun previst li se jseħħ l-iżvilupp tat-teknoloġija.”;

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“8. Awtorità kompetenti li tkun ġiet innotifikata f'konformità mal-paragrafu 2 għandha tivverifika fi żmien 5 xhur min-notifika jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 6 ikunux issodisfati u tivverifika r-rekwiżiti li ġejjin mill-paragrafu 7 b'mod regolari minn hemm 'il quddiem.

Meta l-awtorità kompetenti tqis li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 6 ikunu ssodisfati, l-awtorità kompetenti għandha tbiddel l-istatus tat-teknoloġija l-ġdida għal 'verifikata' fis-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika.

F'każ li l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 6, hija għandha tinnotifika t-tħassib tagħha lill-iżviluppatur. Imbagħad, it-teknoloġija l-ġdida notifikata għandha tibqa' 'stabbilita ġdida' sakemm l-iżviluppatur jindirizza t-tħassib tal-awtorità kompetenti b'mod sodisfaċenti.

Meta l-istatus tat-teknoloġija l-ġdida jkun 'verifikata', it-teknoloġija l-ġdida tiġi elenkata fir-Registru.”

(9) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) l-istatus tar-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet ta' dekontaminazzjoni u tat-teknoloġiji ġodda u l-istorja tal-istatus tar-reġistrazzjoni ta' kull entità bħal din billi jintwerew id-data tal-modifika u l-istatus qabel il-modifika;”

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “3. Ir-Reġistru għandu jkun fih numri ta’ identifikazzjoni uniċi kif ġej:
- (a) in-numru tal-awtorizzazzjoni tar-riċiklaġġ (recycling authorisation number, ‘RAN’) għall-proċessi ta’ riċiklaġġ awtorizzati;
 - (b) in-numru tal-operatur riċiklatur (recycler operator number , ‘RON’) għar-riċiklaturi;
 - (c) in-numru ta’ installazzjoni tar-riċiklaġġ (recycling installation number, ‘RIN’) għall-installazzjonijiet ta’ dekontaminazzjoni;
 - (d) in-numru tal-iskema ta’ riċiklaġġ (recycling scheme number , ‘RSN’) għall-iskemi ta’ riċiklaġġ;
 - (e) in-numru tal-faċilità tar-riċiklaġġ (recycling facility number , ‘RFN’) għall-faċilitajiet tar-riċiklaġġ; u
 - (f) in-numru tat-teknoloġija ġdida (novel technology number, ‘NTN’) għal teknoloġiji ġodda ta’ riċiklaġġ.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (g), l-istatus ta’ reġistrazzjoni ta’ installazzjoni għandu jfisser:

- (a) ‘irreġistrata ġdida’: l-installazzjoni ġiet irreġistrata u tista’ tkun qed topera, iżda r-riċiklatur ma ssottomettix l-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità;
- (b) ‘qiegħda tiġi stabbilita’: l-installazzjoni hija rreġistrata u qed topera, u r-riċiklatur issottometta l-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità lill-awtorità kompetenti fit-territorju fejn tinsab iżda l-awditu msemmi fl-Artikolu 26(3) ma jkunx għadu tlesta;
- (c) ‘attiva’: l-installazzjoni qed topera, l-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità ġiet sottomessa u l-awtorità kompetenti lestiet l-awditu msemmi fl-Artikolu 26(3);
- (d) ‘inattiva’: l-installazzjoni ma hijiex qed tintuża għal raġunijiet għajr dawk taħt il-punti (e), (f) u (g);
- (e) ‘sospiża’: l-użu tal-installazzjoni ġie sospiż minn awtorità kompetenti minħabba nuqqas ta’ konformità ma’ dan ir-Regolament;
- (f) ‘awditu pendenti’: l-awditu msemmi fl-Artikolu 26(3) ma tlestiex fiż-żmien tal-iskadenza applikabbli;
- (g) ‘dekummissjonata’: ir-riċiklatur waqaf juża l-installazzjoni b’mod permanenti.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (g), l-istatus ta’ reġistrazzjoni ta’ teknoloġija ġdida għandu jfisser:

- (a) “stabbilita ġdida”: l-iżviluppatur irreġistra t-teknoloġija ġdida f’konformità mal-Artikolu 10(2);
- (b) ‘verifikata’: il-fajl dwar it-teknoloġija ġdida ġie vverifikat f’konformità mal-Artikolu 10(8);
- (c) ‘valutazzjoni mitluba mill-iżviluppatur’: l-iżviluppatur talab il-valutazzjoni f’konformità mal-Artikolu 14(2);
- (d) “valutazzjoni mitluba mill-Kummissjoni”: il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità biex tivvaluta t-teknoloġija ġdida f’konformità mal-Artikolu 14(1);

- (e) “żvilupp abbandunat”: l-iżviluppatur innotifika li l-iżvilupp mhux se jtkompla;
- (f) “mhux meqjusa xierqa”: it-teknoloġija ma tqisitx xierqa f’konformità mal-Artikolu 15(1);
- (g) “xierqa”: it-teknoloġija għet stabbilita bħala teknoloġija xierqa fl-Anness I.

6. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għat-tħassir tal-entrati fir-Reġistru:

- (a) meta l-istatus ta’ reġistrazzjoni ta’ installazzjoni ta’ dekontaminazzjoni jkun jew “sospiża” jew “awditu pendenti” u jibqa’ l-istess għal sena waħda, l-entrata dwar l-installazzjoni rilevanti għandha titħassar awtomatikament mir-Reġistru;
- (b) meta l-istatus tar-reġistrazzjoni ta’ installazzjoni ta’ dekontaminazzjoni jkun “dekomissjonata”, l-entrata rigward l-installazzjoni rilevanti għandha titħassar awtomatikament mir-Reġistru sena wara d-data tal-pubblikazzjoni ta’ dak l-istatus fir-Reġistru;
- (c) meta l-istatus tar-reġistrazzjoni ta’ teknoloġija jkun jew ‘żvilupp abbandunat’, ‘mhux meqjusa xierqa’ jew ‘xierqa’, l-entrata rigward it-teknoloġija għandha titħassar awtomatikament mir-Reġistru sena wara d-data tal-pubblikazzjoni ta’ dak l-istatus fir-Reġistru;
- (d) entrati relatati ma’ ‘operaturi’, ‘faċilitajiet’, ‘teknoloġiji ġodda’ u ‘skemi ta’ riċiklaġġ’ li jkunu marbuta ma’ entrata mħassra rigward installazzjoni ta’ dekontaminazzjoni jew teknoloġija għandha għandhom jibqgħu fir-Reġistru sakemm ikunu tħassru l-entrati dipendenti kollha mir-Reġistru;
- (e) Wara t-tħassir, l-entrati għandhom jibqgħu arkivjati fis-sistema ta’ reġistrazzjoni elettronika soġġett għall-Artikolu 24a u għandhom jibqgħu aċċessibbli għall-Kummissjoni u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.”

(10) jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

“Artikolu 24a

Sistema ta’ reġistrazzjoni elettronika

1. Għall-finijiet tal-ġestjoni tar-Reġistru, għandha tintuża sistema ta’ reġistrazzjoni elettronika mhux pubblika mill-awtoritajiet kompetenti u mill-operaturi.

Is-sistema ta’ reġistrazzjoni elettronika għandu jkun fiha l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 24(2) u (4), kif ukoll informazzjoni ta’ kuntatt li tinkludi l-persuni ta’ kuntatt, lista tal-awtoritajiet kompetenti, u kwalunkwe informazzjoni oħra li tkun neċessarja għall-fini tal-ġestjoni tar-Reġistru.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jimmodifikaw l-informazzjoni dwar l-‘operaturi’, il-‘faċilitajiet’, l-‘installazzjonijiet ta’ dekontaminazzjoni’, l-iżviluppaturi ta’ ‘teknoloġiji ġodda’ u l-entitajiet li jimmaniġġjaw ‘skemi ta’ riċiklaġġ’ li jinsabu fit-territorju tagħhom.

L-awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri biss għandhom ikunu jistgħu jaqraw l-informazzjoni kollha miżmuma fis-sistema ta’ reġistrazzjoni elettronika.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw il-kompletezza u l-eżattezza tal-informazzjoni li tinsab fis-sistema ta’ reġistrazzjoni elettronika fir-rigward tal-‘operaturi’, tal-‘faċilitajiet’, tal-‘installazzjonijiet ta’ dekontaminazzjoni’, tal-

iżviluppaturi ta' 'teknoloġiji ġodda' u tal-entitajiet li jimmaniġġjaw 'skemi ta' riċiklaġġ' li jinsabu fit-territorju tagħhom.”

(11) L-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 25

Reġistrazzjoni tar-riċiklaturi u tal-installazzjonijiet ta' dekontaminazzjoni

1. Mill-inqas 30 jum tax-xogħol qabel id-data tal-bidu tal-produzzjoni tal-plastik riċiklat f'installazzjoni ta' dekontaminazzjoni, ir-riċiklatur għandu jirreġistra l-installazzjoni billi juża s-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika msemmija fl-Artikolu 24a(2) u jiddikjara l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-faċilità ta' riċiklaġġ irreġistrata fejn tinsab l-installazzjoni;
- (b) ir-riċiklatur irreġistrat li huwa responsabbli għat-tħaddim tal-installazzjoni;
- (c) in-numru tal-awtorizzazzjoni tar-riċiklaġġ, jekk jeżisti;
- (d) it-teknoloġija ġdida rreġistrata, jekk l-installazzjoni ma tkunx topera abbażi ta' teknoloġija xierqa;
- (e) l-iskema ta' riċiklaġġ irreġistrata, jekk l-installazzjoni tkun parti minn waħda;
- (f) l-awtorità kompetenti rreġistrata fit-territorju fejn tinsab l-installazzjoni.

2. L-isem tal-installazzjoni ta' dekontaminazzjoni għandu jinkludi l-isem tal-proċess ta' riċiklaġġ li topera abbażi tiegħu.

L-isem tal-proċess għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

- a) fejn il-proċess jitħaddem abbażi ta' proċess awtorizzat, l-isem ta' dak il-proċess;
- b) fejn il-proċess jitħaddem abbażi ta' teknoloġija ġdida, l-isem ipprovdut mill-iżviluppatur ta' dik it-teknoloġija ġdida;
- c) fi kwalunkwe każ ieħor, isem assenjat mill-operatur.

3. Wara t-tlestija tar-reġistrazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, l-istatus tar-reġistrazzjoni għandu jsir 'irreġistrata ġdida' u għandu japplika l-Artikolu 26.

4. Fis-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika, ir-riċiklatur għandu jikkomunika d-data tal-bidu tal-produzzjoni tal-plastik riċiklat sal-jum li fih tibda dik il-manifattura.”;

(12) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“2. Fi żmien 30 jum mid-data tal-bidu tal-produzzjoni tal-plastik riċiklat ma' installazzjoni, ir-riċiklaturi għandhom jissottomettu l-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità fis-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika. Ir-riċiklaturi li jużaw installazzjoni bbażata fuq teknoloġija ġdida għandhom itellgħu wkoll l-informazzjoni supplimentari u d-dokumenti ta' sostenn imsemmija fl-Artikolu 11(6).

Wara s-sottomissjoni tal-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità, l-istatus tar-reġistrazzjoni għandu jinbidel awtomatikament għal 'qiegħda tiġi stabbilita'. L-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità tista tiġi sostitwita fis-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika biss wara l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti. L-

informazzjoni supplimentari u d-dokumenti ta' sostenn imsemmija fl-Artikolu 11(6) għandhom jiġu sostitwiti f'każ ta' bidla.

3. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk l-informazzjoni pprovduta fl-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità tikkonformax ma' dan ir-Regolament u għandha twettaq awditu tal-installazzjoni tar-riċiklaġġ f'konformità mal-Artikolu 27.

Meta tiġi stabbilita l-konformità, l-awtorità kompetenti għandha tbiddel l-istatus fis-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika għal 'attiva'.

Meta l-konformità ma tkunx tista' tiġi stabbilita, l-awtorità kompetenti għandha titlob lir-riċiklatur biex jipprovi informazzjoni addizzjonali jew biex jibdel il-konfigurazzjoni jew it-tħaddim tal-installazzjoni. Meta jkun meħtieġ, ir-riċiklatur għandu jaġġorna l-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità mingħajr dewmien.

F'każ li sussegwentement l-awtorità kompetenti tqis li l-konfigurazzjoni jew it-tħaddim tal-installazzjoni tar-riċiklaġġ ikun għadu mhux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tbiddel l-istatus tar-reġistrazzjoni fir-reġistru elettroniku għal 'sospiża'.

4. Mid-data ta' meta l-istatus tar-reġistrazzjoni jkun 'attiva', ir-riċiklatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien dwar kwalunkwe bidla amministrattiva jew operattiva li taffettwa l-informazzjoni fis-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika.

Ir-riċiklatur għandu jivverifika kull 6 xhur jekk l-informazzjoni fis-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika għadhiex preċiża u jikkonferma dan lill-awtorità kompetenti permezz tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika.”;

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

“5. Jekk fi żmien sena mid-data tal-bidu tal-produzzjoni tal-plastik riċiklat fl-installazzjoni ta' dekontaminazzjoni l-istatus ta' tali installazzjoni jkun għadu “qiegħda tiġi stabbilita”, ir-reġistrazzjoni fis-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika għandha awtomatikament issir “awditu pendent”.

L-awtorità kompetenti u r-riċiklatur għandhom jiġu nnotifikati awtomatikament 30, 10 u 3 ijiem qabel ma l-istatus ta' installazzjoni jsir 'awditu pendent'.”;

(13) jiddaħħal l-Artikolu 26a li ġej:

“Artikolu 26a

Diżattivazzjoni u dekommissjonar ta' installazzjonijiet ta' dekontaminazzjoni u bidla fil-proċess ta' riċiklaġġ operat

1. L-istatus ta' installazzjoni ta' dekontaminazzjoni għandu jsir 'inattiva' awtomatikament fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- (a) l-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità u l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa ma jiġux sottomessi fis-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni fi żmien 3 xhur minn meta l-istatus ikun sar 'irreġistrata ġdida', f'konformità mal-Artikolu 26(2);
- (b) ir-riċiklatur ma jikkonfermax l-akkuratezza tar-reġistrazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara l-perjodu ta' 6 xhur imsemmi fl-Artikolu 26(4), it-tieni subparagrafu.

L-awtorità kompetenti u r-riċiklatur għandhom jiġu nnotifikati awtomatikament 30, 10 u 3 ijiem qabel ma l-istatus ta' installazzjoni jsir 'inattiva'.

2. L-istatus ta' installazzjoni ta' dekontaminazzjoni għandu jsir 'dekummissjonata' awtomatikament 6 xhur wara d-data li fiha jkun sar 'inattiva' skont il-paragrafu 1. Għandha tapplika l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu.

Il-Kummissjoni, l-awtorità kompetenti u r-riċiklatur għandhom jiġu nnotifikati awtomatikament 30, 10 u 3 ijiem qabel ma l-istatus ta' installazzjoni jsir 'dekummissjonata'.

3. Riċiklatur jista' jibdel l-istatus tar-reġistrazzjoni ta' installazzjoni ta' dekontaminazzjoni għal 'inattiva' dment li l-istatus tar-reġistrazzjoni jkun 'attiva' jew 'qiegħda tiġi stabbilita' għal mill-inqas 5 xhur konsekuttivi direttament qabel dik il-bidla.

4. Wara mill-inqas 6 xhur mid-data li fiha l-istatus sar 'inattiva' f'konformità mal-paragrafu 3, ir-riċiklatur jista' jerġa' jibda l-attività ta' riċiklaġġ tiegħu bl-użu tal-installazzjoni ta' dekontaminazzjoni.

Fejn il-perjodu inattiv ikun dam inqas minn 20 xahar, l-istatus tar-reġistrazzjoni għandu awtomatikament jinbidel għall-istess status li kellu qabel ma sar 'inattiva'. Jekk l-istatus ta' qabel il-bidla kien 'qiegħda tiġi stabbilita', id-data ta' skadenza tal-perjodu ta' sena msemmi fl-Artikolu 26(5) għandha tiġi posposta bit-tul tal-perjodu fejn l-istatus kien 'inattiva'.

Fejn il-perjodu inattiv ikun dam 20 xahar jew aktar, l-istatus tar-reġistrazzjoni għandu jinbidel għal 'qiegħda tiġi stabbilita'. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 għandha tapplika u d-data tal-bidu tal-produzzjoni għandha tkun il-jum tal-bidla tal-istatus tar-reġistrazzjoni għal 'qiegħda tiġi stabbilita'.

5. Meta r-riċiklatur ma jibqax iħaddem installazzjoni ta' dekontaminazzjoni, dan għandu jibdel l-istatus tar-reġistrazzjoni tiegħu għal 'dekummissjonata'.

Sena wara d-data tal-bidla fl-istatus għal 'dekummissjonata', l-entrata li tikkonċerna l-installazzjoni ta' dekontaminazzjoni għandha titħassar awtomatikament mir-Reġistru skont l-Artikolu 24(6)(b).

6. Jekk installazzjoni ta' dekontaminazzjoni, li l-istatus tar-reġistrazzjoni tagħha jkun inbidel għal 'dekummissjonata' f'konformità mal-paragrafu 4, ikun ippjanat li titħaddem skont proċess ta' riċiklaġġ ġdid, ir-riċiklatur għandu jirreġistraha b'isem differenti f'konformità mal-Artikolu 26 mill-inqas jum wieħed qabel il-bidu tal-produzzjoni.

7. F'każ li installazzjoni ta' dekontaminazzjoni tintuża għall-manifattura ta' plastik riċiklat abbażi ta' aktar minn proċess ta' riċiklaġġ wieħed, l-installazzjoni għandha tiġi rreġistrata f'konformità mal-Artikolu 26 għal kull proċess ta' riċiklaġġ li tintuża għalih."

(14) l-Artikolu 27 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 27

Kontrolli uffiċjali tal-installazzjonijiet tar-riċiklaġġ

Il-kontrolli uffiċjali tal-installazzjonijiet tar-riċiklaġġ u tar-riċiklaturi għandhom jinkludu b'mod partikolari awditi f'konformità mal-Artikolu 14, il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2017/625.

(1) Dawn l-awditi għandhom jiġu kkomplementati minn:

(a) valutazzjoni tal-proċeduri fir-rigward ta' prattiki ta' manifattura tajba f'konformità mal-Artikolu 14, il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2017/625;

(b) eżami f'konformità mal-Artikolu 14, il-punti (a) u (e), tar-Regolament (UE) 2017/625, tal-iskeda tas-sommarju tal-monitoraġġ tal-konformità stabbilita f'konformità mal-Artikolu 26, u, abbażi ta' dik l-iskeda tas-sommarju, tal-kontrolli li l-operaturi jkunu implimentaw u tad-dokumenti u tar-rekords imsemmija f'dik l-iskeda tas-sommarju.

(2) Il-kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi ta' installazzjonijiet tar-riċiklaġġ għajr il-verifika li l-installazzjoni ma tkunx qed tintuża f'konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhomx isiru meta l-istatus tar-reġistrazzjoni jkun 'inattiva', jew 'dekummissjonata'.”;

(15) L-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 29

Rekwiżiti speċifiċi għad-dikjarazzjonijiet ta' konformità

1. Meta l-input tal-plastik parzjalment preproċessat u l-input tal-plastik jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni, il-lottijiet għandhom ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' konformità li tiddikjara li l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6 ikunu ssodisfati u f'konformità mad-deskrizzjoni u mal-mudell stabbiliti fil-Parti P tal-Anness III. Din id-dikjarazzjoni għandha tissejjaħ 'Dikjarazzjoni P'.

2. Meta l-plastik riċiklat jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni, kull lott li joriġina direttament minn proċess ta' dekontaminazzjoni li ma jkunx ġie postproċessat għandu jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni ta' konformità f'konformità mad-deskrizzjoni u l-mudell stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III. Din id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tissejjaħ 'Dikjarazzjoni A' u għandha tinħareġ mir-riċiklatur.

3. Meta plastik riċiklat jitqiegħed fis-suq u jkun joriġina minn operazzjonijiet ta' postproċessar, il-lottijiet għandhom ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' konformità f'konformità mad-deskrizzjoni u mal-mudell stabbiliti fil-Parti B tal-Anness III. Din id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tissejjaħ 'Dikjarazzjoni B' u għandha tinħareġ mill-konvertitur li mmanifattura l-lott.

F'każ li konvertitur li joħroġ id-Dikjarazzjoni B iwettaq ukoll l-operazzjonijiet ta' dekontaminazzjoni, għandu jiżgura li fis-sistema ta' dokumentazzjoni tiegħu jinżamm rekord ekwivalenti għad-Dikjarazzjoni A.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, plastik riċiklat li l-kompożizzjoni tiegħu ma għandhiex tinbidel f'operazzjonijiet ta' pproċessar sussegwenti jista' jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni ta' konformità f'konformità mad-deskrizzjoni u mal-mudell stabbiliti fil-Parti C tal-Anness III. Din id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tissejjaħ 'Dikjarazzjoni C'.

Id-Dikjarazzjoni C tista' tinħareġ biss minn operatur li jkun irċieva jew id-Dikjarazzjoni A jew id-Dikjarazzjoni B mingħand il-fornitur tiegħu, jew minn operatur li internament ikun ħareġ u ħażen fis-sistema ta' dokumentazzjoni tiegħu, rekord li jkun tal-anqas ekwivalenti għal Dikjarazzjoni A ffirmata jew Dikjarazzjoni B iffirmata.

Id-Dikjarazzjoni C għandha takkumpanja l-materjali u l-oġġetti tal-plastik riċiklat fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni li jifdal fejn għandha tiġi pprovduta Dikjarazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Il-kompożizzjoni tal-materjali u tal-oġġetti tal-plastik riċiklat akkumpanjati mid-Dikjarazzjoni C ma għandhiex tiġi mmodifikata intenzjonalment matul kwalunkwe stadju sussegwenti tal-kummerċjalizzazzjoni. Iż-żieda ta' sustanzi mal-plastik riċiklat matul l-istadji sussegwenti tal-kummerċjalizzazzjoni sa total ta' 1 % (w/w) ma għandhiex titqies bħala bidla. L-ammont miżjud f'kull stadju sussegwenti għandu jiġi indikat fid-Dikjarazzjoni C.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-kompożizzjoni tal-materjali u tal-oġġetti tal-plastik riċiklat għandha titqies li ma nbidlitx bit-termoformazzjoni u l-qtugħ ta' folji, bl-infiġ ta' kontenituri minn preforom, bit-twaħħil ta' tikketti u ta' tappijiet, bil-mili bl-ikel, bit-tikkettar, bl-għeluq, bl-inkullar u bil-qtugħ u b'operazzjonijiet oħra li ma jbidlux il-kompożizzjoni kimika tal-plastik riċiklat.

5. L-operaturi li jwettqu operazzjonijiet li ma jbidlux il-kompożizzjoni ta' materjal jew ta' oġġett tal-plastik riċiklat jistgħu jgħaddu d-dikjarazzjoni ta' konformità li jkunu rċewew mal-materjal jew mal-oġġett tal-plastik riċiklat mill-fornitur tagħhom lill-operatur li jmiss fil-katina tal-provvista, mingħajr ma joħorġu d-dikjarazzjoni tagħhom stess.

6. Id-dikjarazzjonijiet A, B u C għandhom jinkludu struzzjonijiet xierqa bbażati fuq l-ispeċifikazzjonijiet, ir-rekwiżiti jew ir-restrizzjonijiet stabbiliti għat-teknoloġija tar-riċiklaġġ applikata u, fejn applikabbli, għall-proċess ta' riċiklaġġ użat, kif ukoll fuq l-istruzzjonijiet ipprovduti fl-Anness III.

7. Fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi għandhom jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjoni ta' konformità li huma jkunu rċewew mingħand il-fornitur tagħhom.

(16) L-Annessi I u III huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Miżuri tranżizzjonali

1. Il-prodotti li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2022/1616, kif applikabbli qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u li hija meħtieġa għalihom id-Dikjarazzjoni A jew B jistgħu jitqiegħdu fis-suq sa *[OP, jekk jogħġbok daħħal id-data: 3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]* anke jekk ma jikkonformawx mar-regoli dwar daww id-Dikjarazzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
2. Il-prodotti li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2022/1616, kif applikabbli qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u li għalihom dan ir-Regolament jeħtieġ id-Dikjarazzjoni C jew P, jistgħu jitqiegħdu fis-suq mingħajr daww id-dikjarazzjonijiet sa *[OP, jekk jogħġbok daħħal id-data: 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.
3. Il-materjali u l-oġġetti tal-plastik riċiklat manifatturati minn prodotti mqiegħda fis-suq f'konformità mal-paragrafu 1 jew 2 jistgħu jitqiegħdu fis-suq sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN